# TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Numru: 5/2020 SG**

**Kunsill Lokali Fontana**

**vs**

**Awtorita' tal-Artijiet**

**Illum l-Erbgħa, 23 ta' Settembru 2020**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' l-appell tal-kunsill lokali Fontana tas-6 ta' Lulju 2020 li permezz tieghu ntalab li dan it-Tribunal "*joghgbu jhassar u jirrevoka fl-interita' taghha d-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet komunikata lill-appellant bl-email nhar is-sbatax ta' Gunju 2020 fejn irrifjutat l-applikazzjoni tal-kunsill appellant bir-riferenza GOV1/2020/0477 sabiex l-appellant jigi awtorizzat mill-Awtorita' tal-Artijiet jissottometti applikazzjoni ghal zvilupp ai termini tal-Artikolu 71(5) tal-Kap 552 tal-Ligjiet ta' Malta u minflok jilqa' t-talba tal-kunsill appellant sabiex l-istess Kunsill appellant jigi awtorizzat jissottometti tali applikazzjoni sabiex eventwalment jkun jista' jitkompla u jigi konkluz l-bini tac-Centru Civiku tal-kunsill Lokali Fontana fl-indirizz 190/191 triq Ta' Mulejja, Fontana, Ghawdex.*"

Ra ir-risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet tas-17 ta' Lulju 2020.

Ra li fis-seduta ta' l-20 ta' Awissu 2020, il-Kunsill Lokali Fontana rtira l-appell fuq il-mertu izda zamm fermi l-kap tal-ispejjez.

Semghet ix-xhieda prodotta dwar il-kap ta' l-ispejjez.

Sema' sottomissjonijiet tal-paritjiet dwar il-kap ta' l-ispejjez.

Ra l-atti kollha.

**Ikkunsidra**

Irrizulta li dan l-appell gie ntavolat in vista ta' email li ntbaghtet minn impjegat tal-Awtorita' ta' l-Artijiet. Minn qari ta' dan l-email li gie ezebit bhala Dok B mar-rikors promotur, jirrizulta mill-aktar mod car li dan kien mibghut minn Jurgen Spiteri, impjegat tal-Awtorita' ta' l-Artijiet. Anke mad-daqqa ta' ghajn, jidher b' mod evidenti li dan l-email ma jammontax ghal decizjoni formali mehuda ai termini tal-ligi vigenti. In fatti, fil-mori ta' din il-procedura, il-kunsill lokali ircieva l-ezitu ufficjali (Dok KLF1). Ghal kuntrarju ta' l-email li dwaru giet imsejsa l-procedura odjerna, Dok KLF1 jaghmilha cara li din hija decizjoni. In fatti, fl-istess dokument jidhru l-kliem "Decision: REFUSE CONSENT" u jinghataw ukoll ragunijiet ghal tali rifjut. Huwa wkoll notevoli li hekk kif jemani mil-ligi applikabbli, fl-istess decizjoni hemm imnizzel paragrafu li jaghti informazzjoni dwar id-dritt ta' appell ezistenti u applikabbli. Dawn iz-zewg elementi ma kinux prezenti fl-email li abbazi tieghu giet ipprezentata din il-kawza.

It-tribunal huwa konsapevoli li Dok KLF1 gie ffirmat ukoll mill-istess Jurgen Spiteri izda fix-xhieda tieghu Spiteri spjega fid-dettal x' gara wara li baghat l-email tas-17 ta Gunju 2020 u li Dok KLF 1 nhareg wara decizjoni tal-Kumitat koncernat.

Fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ispejjez kollha relatati ma' din il-procedura ghandhom jigu sopportati mill-Kunsill Lokali Fontana.

**Decide**

Ghar-ragunijiet fuq esposti, dan it-Tribunal qieghed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' dan l-appell fil-mertu stante li l-istess appell gie rtirat fil-mertu mill-Kunsill Lokali Fontana, filwaqt li qed tordna li l-ispejjez kollha relatati ma' din il-procedura ghandhom jigu sopportati interament mill-Kunsill lokali Fontana.

(ft) Maġistrat Dr. Simone Grech
President tat-Tribunal ta'
Reviżjoni Amministrattiva

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur